MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Numru. 940/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
**V**
**JOSHUA CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSHUA CARUANA** ta’ tnejn u ghoxrin sena, bin Joseph u Rita nee’ Borg, imwieled Pieta fit-3 ta’ Novembru 1987 u residenti 24, Pescale, Flat 2, Triq tal-Gheriebel, Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 533787M, gie mressaq quddiemha w akkuzat talli:-

Nhar l-4 ta’ Settembru 2010 ghall-habta tal-hamsa w kwart ta’ filghaxija (17.15hrs) u kif ukoll fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Settembru 2010 gewwa Floriana, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli u cioe’ vettura bin-numru ta’

registrazzjoni ABG 468 ta' Filippu Borg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 312446(M), liema ammont tal-hsara ma kienx jiskorri elf mija u erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) .
Talli nhar l-4 ta' Settembru 2010 ghal habta tal-hamsa w kwart ta' filghaxija (17.15hrs) gewwa Floriana:-
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Louisa Zammit detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 286368(M) u cioe' bieb ta' residenza 7, Pinto, Flat 4, Triq Pietro Floriani, Floriana u hgiega ta' vettrina fl-istess fond liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centesmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centesmu (€23.29).
U aktar talli bejn is-17 ta' Mejju 2010 u d-9 ta' Settemrbu 2010 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:-
3. B'imgieba tieghu kkaguna biza' lill-istess Louisa Zammit li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil Louisa Zammit hekk tibza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet.
4. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Louisa Zammit u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna.
5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma kienx dak li ghalih gie fornut jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.
6. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, hebb kontra Louisa Zammit sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u/jew ingurjaha jew heddidha anke jekk ipprovokat, ingurjaha b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
Akkuzat ukoll talli nhar l-5 ta' Settembru 2010 bejn id-disgha (21.00hrs) u l-ghaxra w nofs ta' filghaxija (22.30hrs) gewwa Triq id-Dejqa, Valletta:
7. Ikkaguna biza' lil Mary Rose Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' numru 871044(M) li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-porprjeta' taghha billi gab ruhu b'mod

dubbjuz meta missu kien jaf li se jikkaguna biza' lil Mary Rose Spiteri li ser tintuza vjolenza kontriha f'dik l-okkazjoni billi taha qatgha jew dejjaqha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Filippu Borg, Louisa Zammit u Mary Rose Spiteri kif ukoll ir-residenza taghhom u l-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Filippu Borg, Louisa Zammit u Mary Rose Spiteri ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-tnax (12) ta' Settembru 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax (12) ta' Settembru 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrija rilaxxja mill-imputat datata 11 ta' Settembru 2010, hames okkorrenzi u erba' ricevuti.

Rat dak li gie verbalizzat fl-istess seduta tat-12 ta' Settembru 2010 u cioe' li l-imputat kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' erba' mija w hamsa w tletin Ewro (€435).

Rat illi *pendente lite*, din il-Qorti b'digriet taghha ta' l-istess jum, kienet laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini ta' l-artikolu 412 ( c)  u cioe' li pprojbiet lill-imputat milli javvicina lill-kwerelanti f'din il-kawza, u li ma javvicinax il-postijiet li huma jiffrekwentaw inkluz ir-residenzi taghhom.

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum fejn kienet innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji pre-sentencing report dwar l-imputat, meta l-istess Probation Officer inghatat id-dritt li tikkomunika direttament mal-kwerelanti, jekk jidhrilha li huwa opportun.

Rat ir-rapport ipprezentat mill-Probation Officer nhar id-9 ta' Novembru 2010, liema rapport gie mmarkat bhala Dok MS.

Illi minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li dan huwa l-ewwel kaz kriminali tal-imputat, u jidher li l-imputat huwa l-ghozza tal-genituri tieghu. Qalet li l-genituri tieghu dejjem tawh kull *support* li kellu bzonn, ghalkemm ricentement innotaw kambjament negattiv fih. Qalet li l-genituri tieghu saru jafu li xi tlett xhur qabel ma xehdet kienu saru jafu li binhom kien qed jabbuza bid-droga u ghalihom dan kien xokk kbir. Huma kemm-il darba heggew lil binhom sabiex isegwi programm ta' riabilitazzjoni sabiex ifieq mid-droga, ghalkemm tghid li binhom mhux intressat li jaghmel dan, ghalkemm huwa jattendi d-Detox ghall-*methadone* kif ukoll ghamel xi granet Dar l-Impenn. Ix-xewqa tal-genituri tieghu hija li jaraw lil binhom l-imputat kif kien qabel, u cioe' li juri rispett lejhom u jfieq mid-droga. Hija kkonfermat li skond il-fedina penali tieghu dan huwa l-ewwel kaz tieghu. Il-Probation Officer tat ir-rakkomandazzjoni taghha li din il-Qorti taghti Ordni ta' Probation, u li l-imputat izomm kuntatt regolari mal-agenzija li toffri ghajnuna kontra l-abbuz tad-droga, sabiex tigi ndirizzata l-problema li ghandu.

Rat illi skond id-dokument mahrug mill-ETC tul is-snin 2006 sas-sena 2010, l-imputat kellu diversi mpjiegi, dejjem bhala Security Officer.

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru 2010, u appuntu d-digriet fejn hija kienet innominat lil Dr. Mark Xuereb bhala psikjatra sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata dwar il-qaghda psikika tieghu, u dan sabiex tkun f'posizzjoni ahjar sabiex titratta mal-imputat meta tigi biex terroga l-piena idoneja.

Illi nhar il-21 ta' Dicembru 2010 deher **Dr. Mark Xuereb** u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok MX. Dan jispjega illi l-imputat ghandu diversi problemi li ghandhom sfond fi tfulitu. L-imputat kellu *bullying* sistematiku fejn hu ma kienx salvagwardjat u sussegwentement kien ghamilha ma' kumpanija hazina li ma ghenitux. Beda jmiss mad-droga w ma' nies li huma nvoluti f'dawn l-affarijiet. Dan nonnostante jghid li kellu *job* u zammu ghal perijodu ta' zmien, u sa fejn hu nfurmat hu ma kienx qed jixrob zejjed lanqas. Jghid li kellu relazzjoni ma' wahda mara u l-percezzjoni tieghu hija li din il-mara dahqet bih. It-tabib spjega li meta wiehed izomm f'mohhu t-trobbija li kellu l-imputat, li kienet wahda *sheltered* hafna, w il-problemi ta' drogi w l-impulsivita' tieghu fl-isfond tieghu, huwa rritalja b'mod car, fis-sens li kien aggressiv. Qal li l-imputat huwa bniedem vulnerabbli hafna w ghandu bzonn is-*support* kollu, w dan sabiex il-*personality disorder* li sfortunatament kellu minhabba d-droga tigi ndirizzata. Qal li sa fejn jaf hu, precedenti kriminali m'ghandux. Qal li l-imputat jaghti l-awrina kull gimgha w jghix hajtu normali.

Spjega li fil-prezent l-imputat jinsab taht kura medika w fil-fehma tieghu ghandu jibqa' jiehu l-kura. Jghid li l-imputat ghandu jinghata cans u jibqa' taht supervizjoni, w fil-fatt lest li joqghod ghat-tehid ta' *injection* darba fix-xahar flok ma jiehu l-pilloli, w dan sabiex l-impulsivita' tieghu tigi kontrollata. Naturalment tigi ndirizzata wkoll il-problema tieghu ta' *depression*. Fil-fehma tal-Psikjatra l-programm psikoterapiku jghinu hafna. Kkonferma li jekk l-imputat ikollu supervizjoni adegwata, w ikollu *monitoring* kostanti, r-riskju huwa baxx li jibqa' fit-triq ta' kriminalita', pero' ghandu bzonn certu *support* minn barra. Spjega li missieru huwa bniedem serju hafna w jghinu hafna, w ikun jista' jaghmel supervizjoni tieghu. Ghalih m'hemmx ghalfejn ikun *in-patient* l-isptar, ghalkemm supervizjoni hija rikjesta. In konkluzjoni l-espert jghid li l-imputat huwa marid mentalment ghaliex ibati minn '*personality disorder with paranoid over valued ideation verging on the delusional. Drug induced personality changes'.* L-imputat ghandu *'poor coping skills and inability to consider*

*constructive options in order to address stressful situations, which is further compounded because of his past use of drugs.'* L-espert issuggerixxa li ghalkemm l-imputat ghandu jinghata cans li jibqa' fis-socjeta', hemm bzonn li jibqa' taht kura psikjatrika.

Ikkunsidrat-

Illi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan fuq ammissjoni tieghu stess.

Dwar il-piena pero' l-Qorti tat kaz is-segwenti fatturi:-

l. L-imputat huwa *a first time offender* u m'ghandu l-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuq il-fedina penali tieghu.
2. Illi l-imputat kellu trobbija xejn felici mimlija *bullying*, u dan seta' kien il-kagun ghaliex l-imputat illum huwa persuna vulnerabbli hafna.
3. Illi effettivament l-imputat sfortunatament kellu relazzjoni ma' mara, li minn dak li stqarr hu stess lit-tabib psikjatra fl-ezami li sarlu, dahqet bih u bhala rizultat l-imputat kien qed ibati hafna.
4. Illi l-imputat kien ilu li beda bil-vizzju tat-tehid ta' droga minn mindu kellu tnax-il sena w il-familjari tieghu damu hafna ma ndunaw .
5. Illi l-imputat dejjem hadem u wera nteress sabiex jghix u jmantni lilu nnifsu, tant li sahansitra anke kien jaghti kwazu flusu kollha lil din il-mara li kien jiffrekwenta u li spiccat dahqet bih.
6. Ix-xewqa tal-imputat li jbiddel hajtu, jfittex l-ghajnuna, jindirzza l-problema ta' tehid ta' droga w li jerga' jibda bix-xoghol.
7. Ir-rakkomandazzjonijiet li taw kemm il-Probation Officer kif ukoll il-Psikjatra, li l-imputat ghandu jinghata cans u jitpogga taht supervizjoni.
8. Illi d-danni materjali sofferti mis-socjeta' ma kinux kbar, tant li skond dak verbalizzat in atti nhar it-12 ta' Settembru 2010 id-danni jammontaw ghal erbgha mija hamsa w tletin Ewro (€435).

9. Il-fatt li l-imputat ghandu familja li qed taghtih is-*support* kollu necessarju.
10. Il-ko-operazzjoni totali tal-imputat sa mill-bidu nett mill-investigazzjoni w cioe’ mill-mument li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu.
11. L-ammissjoni bikrija ma’ l-ewwel opportunita’ li kellu, w cioe’ fl-ewwel seduta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema, w min wera rieda tajba w affidabilita w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’, li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, w dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Ghaldaqstant in vista ta’ dawn il-fatturi fuq imsemmija, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja fuq l-imputat.

**Din il-Qorti ghalhekk, wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w appuntu l-Artikoli 18, 251 B (1), 251 C, 325 (1) (b) ( c ) (d), 339 (1) (d) (e), 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu massimu permess mil-ligi ta’ tliet snin ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat, pero’ l-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex**

**possibilment tigi nominata l-istess Probation Officer li diga' kellha kuntatt mal-imputat, stante li dan il-kaz huwa sensittiv u jitratta fuq persuna li ghandha wkoll problemi psikotici.**

**Tordna wkoll li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fuq il-kwerelanti kollha ta' dan il-kaz, u dan ghal perijodu kollu tal-Probation Order, u dan ai termini ta l-artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Kura, w cioe' taht il-kura tal-psikjatra Mark Xuereb ghal perijodu kollu li hemm bzonn tul il-perijodu ta' Probation tal-imputat.**

**Tordna ukoll, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-kwerelanti fl-ammont massimu ta' erbgha mija w hamsa w tletin Ewro (€435) b'dan illi l-imputat ghandu jghaddi s-somma ta' erbghin Ewro (€40) fix-xahar lill-Probation Officer li ghandha thallas lill-vitmi f'dan il-kaz, wara li jhallu d-debita ricevuta, w l-istess Probation Officer ghandha tipprezenta permezz ta' nota f'dawn l-atti l-ircevuti relattivi .**

**Tordna wkoll li s-sentenza moghtija minnha illum tigi mibghtua lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-artikolu 403(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma l-atti kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------